**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 50 – IT-TLIETA 30 TA' AWWISSU 2022**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**50.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

50.1.1 Ma kienx hemm.

**50.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

50.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (49) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

50.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 50.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

50.3.1 Ma kienx hemm.

## 50.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

50.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar 'The World CleanUp Day campaign' fejn spjega li l-Uffiċċju Amministrartiv għaddej bil-preparamenti għal CleanUp fl-Iklin. Ġew magħżula toroq fiż-żoni rurali u minbarra l-istedina lir-residenti biex jipparteċipaw, ser jingħaqdu mall-Kunsill Iklin Scout Group u Lija/Iklin Football Youth Academy. Is-Sindku qal li jħossu ferm sodisfatt li qed jara din il-kollaborazzjoni sħiħa li qed tintwera f'kull attività li qed itella l-Kunsill. Imbagħad is-Sindku ppreżenta d-disinn li tħejja għall-edizzjoni 2022 fejn wara diskussjoni, kien hemm qbil fuq disinn li tħejja proprju għal Iklin CleanUp 2022. Is-Sindku informa li l-Uffiċċju kien qed jaħdem fuq il-ko-ordinament ta' din l-attività u ħeġġeġ lill-Kunsillieri biex jistiednu lill-membri li jiffurmaw parti mis-sotto-kumitati biex ikunu preżenti għal din il-kampanja a favur l-ambjent.

## 50.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

50.5.1 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill jistax jikri s-Sala tal-Kunsill biex jiġu organizzati eżerċizzji fiżiċi peress li kienet ġiet avviċinata minn residenta fl-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Uffiċċju kien irċieva korrispondenza f'dan ir-rigward u deherlu li din it-talba għandha titla fuq il-mejda għad-diskussjoni. Wara numru ta' interventi mill-Kunsillieri preżenti, kien deċiż li l-Kunsill jirrisolvi f'Kumitat biex jiddiskuti din it-talba f'aktar dettal. Kien deċiż li l-Kumitat jiltaqa fl-immedjat nhar it-3 ta' Settembru. Kien ukoll deċiż li l-linja ta' komunikazzjoni issir direttament bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-applikant/a peress li l-istess applikant/a kienet qed tikkomunika wkoll ma' xi membri tal-Kunsill.

## 50.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

50.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-21 ta' Lulju u t-28 ta' Awwissu 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

50.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1407/22. Il-Kunsill Reġjonali Lvant organizza press conference dwar l-escooters.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien attenda għal din il-press conference li l-iskop tagħħa kien li l-awtoritajiet ifasslu leġiżlazzjoni biex dan is-settur ikun regolarizzat.

50.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1467/22. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħarġet press release dwar skema ġdida għal proġetti sostenibbli mill-Kunsilli Lokali.

50.6.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1453/22. Kontijiet miżmuma mill-Banek Kummerċjali.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li hija ħaġa normali li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali jitlob tali informazzjoni lill-Kunsilli minn żmien għal żmien.

**COMPLAINTS SHEET (21 July - 28 August 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 184 | 23/07/2022 | Ilment fuq ħsejjes minn tappieri fi Triq il-Wied li għadhom hemm, biex isiru xi cones bid-dwal biex jiġbdu l-attenzjoni. | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure Malta** |
| 185 | 26/07/2022 | Arblu f'nofs ta bankina li qed jagħlaq l-aċċess tal-blokka quddiem 12, Triq A Buttigieg | temporanju | Triq A Buttigieg | **GO plc** |
| 186 | 26/07/2022 | Triq il-Mużika c/w Triq Ġ Abos qegħdin jorbtu r-roti mal-arbli fuq il-bankina | pending | Triq il-Mużika c/w Triq Ġ Abos | **Community police** |
| 187 | 29/07/2022 | Hemm ħofra fi Triq Ġ Pesci | pending | Triq Ġ Pesci | **WSC** |
| 188 | 30/07/2022 | Leakage ta' ilma fi 14, Triq P A Cuschieri | pending | Triq P A Cuschieri | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 189 | 01/08/2022 | Talba għal bicycle racks fi Triq il-Mużika | pending | 58, Triq il-Mużika | **Council** |
| 190 | 01/08/2022 | Ilment fuq manhole imkissra fi Triq Dwardu Cachia | pending | 16, Triq Dwardu Cachia | **Council** |
| 191 | 28/07/2022 | Hemm siġra tal-bajtar ħierġa għal fuq il-bankina fi Triq Dun Karm, ħdejn l-istage ta' taħt Triq Pawlu Grech | settled | Triq Dun Karm | **Council** |
| 192 | 28/07/2022 | It-traffic lights ta' Triq Dun Karm taħt Triq Pawlu Grech idumu ħafna biex jaqilbu | pending | Triq Dun Karm | **TM/IM** |
| 193 | 03/08/2022 | Ilment dwar unfestazzjoni ta' ġrieden fl-egħlieqi ta' wara d-djar ta' Triq Karmenu Vassallo | settled | Triq Karmenu Vassallo/Triq PM Vella | **Sanità** |
| 194 | 04/08/2022 | Hemm bozza ma' tixgħelx fuq arblu nru. L049/28 quddiem id-dar 'Casa Bonnici', Triq il Wied | pending | 47, Triq il-Wied Iklin | **Enemalta** |
| 195 | 05/08/2022 | Chewing gum u ħmieġ fuq il-bankina fi Triq il-Klin | settled | Triq il-Klin | **Cleansing dept.** |
| 196 | 05/08/2022 | Qegħdin iħallu boroż tal-iskart fejn il-kontenitur tal-ħwejjeġ fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **Council** |
| 197 | 06/08/2022 | Talba biex jiżabġu xi siġar fi Tirq A M Caruana | pending | Triq A M Caruana | **Council** |
| 198 | 08/08/2022 | Skart u ħmieġ fi Triq San Mikiel wara l-festa ta' Ħal Lija | settled | Triq San Mikiel | **Innovative** |
| 199 | 11/08/2022 | Biex jitnaddfu l-manholes u l-gutters mill-weraq fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 200 | 12/08/2022 | Kull meta tagħmel ix-xita qed jiżbroffa d-drenaġġ u titla l-manhole ta' fejn roundabout fi Triq Ġeronimo Abos. Din is-sitwazzjoni trid titranġa darba għal dejjem | pending | Triq Geronimo Abos | **W.S.C** |
| 201 | 12/08/2022 | Tappiera li qed titla bl-ilma meta tagħmel ix-xita. Perikloluża ħafna. Triq il-Wied ħdejn ir-roundabout in-naħa ta' stabbiliment tal-ikel. | pending | Triq il-Wied | **W.S.C** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 202 | 12/08/2022 | Tappiera li qed titla bl-ilma meta tagħmel ix-xita. Perikoluża ħafna. Triq il-Wied ħdejn ir-roundabout in-naha ta' stabbiliment tan-negozju. | pending | Triq il-Wied | **W.S.C** |
| 203 | 13/08/2022 | Leakage tal-ilma quddiem 48, Triq il-Muzika | settled | Triq il-Muzika | **W.S.C** |
| 204 | 12/08/2022 | Siġar fuq bankina fi Triq Dun Karm, faċċata ta' stabbiliment tan-negozju. | not from their side | Triq Dun Karm | **MELP** |
| 205 | 23/08/2022 | Fi Triq Ġwann Mamo hemm scooters mixħutin bl-addoċċ. | closed | Triq Gwann Mamo | **Council** |
| 206 | 25/08/2022 | Fi Triq il-Klin c/w Triq Ġeronimo Abos qed ikun hemm ħafna ħmieġ fuq il-bankina. Talba biex titnaddaf iktar frekwenti. | pending | Triq il-Klin | **Innovative** |
| 207 | 26/08/2022 | Hemm arblu tad-dawl Y010/28 hdejn Josies fi Triq il-Muzika, li għandu l-bieba miksura tal-maintenance box. | settled | Triq il-Muzika | **Enemalta** |
| 208 | 20/08/2022 | Ħaxix u ħmieġ, gaġeġ fi Triq Razzett L-Aħmar | pending | Triq Razzet L-Ahmar | **Council** |
| 209 | 20/08/2022 | Talba biex jinqatgħu xi siġar fi Tirq Frederick Borg għax hemm il-ħmieġ taħthom. | pending | Triq F. Borg | **Council** |
| 210 | 20/08/2022 | Triq Razzett L-Aħmar biex tinkines u jinġabar ħafna skart għax ilha ma ssir | pending | Triq Razzett l-Aħmar | **Council** |
| 211 | 24/08/2022 | Ilment dwar ġrieden fi Tirq Għargħur u Sqaq Giarda, fejn qedin ihaffru | settled | Triq Għargħur/Sqaq Giarda | **Sanità** |
| 212 | 24/08/2022 | Talba għal *traffic mirror* fi Triq il-Klin c/w Triq Ġ Abos. | pending | Triq il-Klin | **council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 213 | 26/08/2022 | Hemm bozza ma' tixgħelx fuq arblu nru. L094/28 faċċata tan-niċċa tal-Madonna fi Triq Anton Buttigieg. | pending | Triq Anton Buttigieg | **Enemalta** |
| 214 | 26/08/2022 | Talba biex isiru xi tabelli minħabba li qegħdin iħammġu ħafna bil-klieb fejn in-niċċa tal-Madonna fi Triq Anton Buttigieg. | pending | Triq Anton Buttigieg | **Council** |
| 215 | 20/08/2022 | Hemm bejta bagħal taż-żunżan fejn *cigarette bin* fi Pjazza Ninu Cremona fejn il-ħwienet | settled | Pjazza Ninu Cremona | **Council** |
| 216 | 27/08/2022 | Ilment dwar l-infestazzjoni ta' bagħal taż-żunżan Triq il-Wied c/w Triq il-Ħwawar fejn hemm ir-rand u l-klin. Xi ħadd jitma l-qtates u jħallih fil-ħamrija. | pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |

## 50.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

50.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

50.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

50.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

50.7.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (30) A5 classic diaries mingħand il-fornitur Timecare Ltd għall-prezz ta' Eur146.20c VAT inkluż; *Nem con*.

2. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (15) il-xitla meterosideros excelsa biex jiġu mħawwla fil-planters ta' Triq l-Awrekarja mingħand il-fornitur ELC Ltd għall-prezz ta' Eur329.93c VAT inkluż. *Nem con*.

## 50.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

50.8.1 Applikazzjoni PA 05283/22 – Triq il-Wied L-Iklin. 'Construction of two-semi-detached villas with a different layout from that approved in PA5720/09 and its renewal PA00595/18.

50.8.2 Applikazzjoni PA 05174/22 – Triq in-Naxxar L-Iklin. 'To change front elevation as to include painted timber cladding and signage and shop window, Internal alterations to include 2 back offices and a Class 4B retail outet.

50.8.3 Applikazzjoni PA 0018/22 – Triq Ċensu Busuttil c/w Triq Mons Pietru Pawl Saydon, Iklin. 'Proposed change in alignment to form 3m front garden on Triq Ċensu Busuttil and continuation of existing front garden on Triq Mons Pietru Pawl Saydon.

Rigward din l-applikazzjoni, il-Kunsill ikkonsulta mall-Konsulent u ġiet sottomessa rappreżentazzjoni lill-Awtorità.

50.8.4 Applikazzjoni PA 04703/22 – Triq il-Wied, L-Iklin. 'Change of use of Class 1 ground floor villa to Class 2C childecare centre, including internal alterations and changes to the facade.

50.8.5 Applikazzjoni PA 04655/22 – Triq San Mikiel, L-Ikllin. 'This proposal seeks to demolish the existing terraced house and rebuild a terraced house with a pergola at roof level.

50.8.6 Applikazzjoni PA 03418/22 – Triq Mons. P.P. Saydon, Wesgħa Louis J.B. Scicluna, L-Iklin – 'To carry out alterations at ground floor, excavate part basement, link, and extend garage and construct additional residences at second, third and penthouse level, as well as to install passenger lift. Part demolition at garage level, ground floor. First floor and washroom level.

50.8.7 Applikazzjoni PA 05029/22 – Triq Alfons Maria Galea L-Iklin 'To sanction variations from PA 01867/14 for second floor apartment.

50.8.8 Applikazzjoni PA 05091/22 – Triq Ġużeppi Calleja L-Iklin 'To demolish existing house and construct basement garages and overlying 4 floors plus penthouse'.

50.8.9 Applikazzjoni PA 02209/22 – Street off Triq ir-Razzett l-Aħmar, area known as Tat-Tabib.

## 50.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT APR-ĠUN 2022

50.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2022.

50.9.2 L-Accountant ippreżenta r-Rapport Finanzjarju fid-dettal a sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti. Ġie moqri u spjegat l-iStatement of Income and Expenditure, l-iStatement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Property, Plant and Equipment.

50.9.3 L-Accountant spjega li d-dħul għal dan il-perjodu kien ta' Eur213,709. Filwaqt li l-ħruġ kien ta' Eur219,701. Id-deprezzament tal-Property, Plant and Equipment ilaħħaq it-total ta' Eur19,194. L-allokazzjoni finanzjarja tal-Gvern kienet tlaħħaq EurEur154,412 għal dan il-perjodu. Dħul mill-permessi kien ta' Eur8,586. Id-dħul mill-Immaniġġjar tal-Iskart (mill-borża organika) kien ilaħħaq Eur10,358. Dħul mis-sistema tal-infurzar tal-liġi kien ta' Eur1,569 filwaqt li dħul ieħor iġġenerat mill-attivitajiet tal-komunità kien jammonta għal Eur3,079. Is-salarji laħħqu ċ-ċifra ta' Eur54,517 filwaqt li l-Operations & Maintenance laħħaq iċ-ċifra ta' Eur123,980. L-ispejjeż amministrattivi kienu jammontaw għal Eur22,010. L-Accountant irrimarka li matul dan il-perjodu, kien hemm rifless l-arretrati għas-sena 2020 u 2021 flimkien ma' żieda fl-allowances lis-Segretarju Eżekuttiv (The Executive Secretaries' remuneration package arrears) wara ftehim li ntlaħaq bejn l-entitajiet konċernati.

Fid-dawl tal-imsemmi hawn fuq, il-financial performance bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju jirriżulta f'defiċit ta' Eur(5,992). Minkejja dan, l-Accountant jikkonferma li l-finanzi tal-Kunsill huma tajbin għaliex Kunsill li jmexxi bil-għaqal u bi prudenza kif jirrifletti l-Financial Situation Indicator li juri 58%.

50.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-Kunsill xorta jrid joqgħod attent minħabba l-P&L biex kemm jista jkun l-Kunsill ma jagħlaqx is-sena finanzjarja b'defiċit għax id-direzzjoni tad-Diviżjoni hija li l-Kunsilli jagħlqu b'*surplus*. Is-Segretarju Eżekuttiv semma li l-Kunsill irid jibda jaħseb biex jiġġenera dħul permezz ta' bye-laws.

50.9.5 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

50.9.6 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-Quarterly Financial Report Jan – Ġun 2022.

50.9.7 Il-Kunsill approva nem con.

**50.10 MOZZJONI BIEX FONDI MHUX UTILIZZATI GĦALL-PROĠETT FOOTBALL GROUND PROJECT GRANT TAĦT 'FOND GĦALL-ĦTIĠIJIET TAL-LOKALITÀ JKUNU JISTGĦU JIĠU UTILIZZATI GĦAL SKOP IEĦOR**

50.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

50.10.2 Is-Sindku Dott. Sciberras qara l-mozzjoni u ġiet diskussa mill-Kunsillieri preżenti.

50.10.3 Fil-qosor, l-Accountant spjega lill-Kunsillieri li ladarba l-Kunsill qed japprova din il-mozzjoni, il-bilanċ li huwa deskritt bħala *long deferred income* għandu jsir proġett biex l-ispiża tmur fil-Profit & Loss.

50.10.4 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq din il-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-approvazzjoni.

50.10.5 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

50.10.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill għal din ir-riżoluzzjoni għaliex b'hekk il-Kunsill se jkun qed jindirizza punt fl-Ittra ta' Direzzjoni.

## 50.11 PROĠETT B'KOLLABORAZZJONI MALL-KUNSILL REĠJONALI LVANT

50.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu laqgħa mal-Uffiċċjali ta' Lija/Iklin Football Youth Academy fil-jiem li għaddew fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv biex primarjament isaħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu ma' din l-iskola tal-futbol li qed tagħmel ħafna ġid lit-tfal fid-dixxiplina sportiva tal-futbol. Il-Kunsillier Bernice Farrugia ma setgħetx tattendi minħabba mpenji ta' xogħol. Fakkar li l-Kunsill Lokali L-Iklin huwa ko-fundatur ta' Lija/Iklin Football Youth Academy u għaldaqstant il-Kunsill għandu interess dirett fl-iżvilupp u s-sostenn tat-tfal f'din id-dixxiplina.

Żied jgħid li biex inkomplu ntejbu din l-iskola tal-futbol, huwa meħtieġ li din l-iskola tinvesti fi *trainers* kwalifikati u li jġorru esperjenza fil-logħba sabiħa tal-futbol iżda mhux biss. Jeħtieġ ukoll li jsir progress fit-teknoloġija biex it-tfal ikollhom l-għodda disponibbli biex itejbu l-ħiliet tagħhom.

Proprju f'dan l-ispirtu, kien diskuss l-investiment propost ta' VEO Technology camera li hija kruċjali għall-Akkademja biex ittejjeb l-analiżi tal-partiti u l-evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet. L-ispiża għal din it-teknoloġija tlaħħaq l-ammont ta' circa Eur3k.

50.11.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Bernice Farrugia biex jieħdu vot dwar l-awtorizazzjoni għal din l-ispiża. *Nem con*.

50.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jikteb formalment lill-Kunsill Reġjonali Lvant biex jinfurmah b'dan il-proġett ferm interessanti biex ikun jista jottjeni fondi għal dan l-iskop.

50.11.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill Reġjonali Lvant għandu fondi kommessi għas-sena 2022 speċifikati għall-Isport u għaldaqstant tista ssir it-talba għal rimborż ta' dan il-proġett ambizzjuz.

**50.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

50.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022 fil-5.30 p.m.

50.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022 fil-5.30 pm.

50.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.42 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |